# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 6 ta' Dicembru 2019**

**Rikors Numru : 25/2019JPG**

**Kawza Numru : 5**

**L-Avukat Dr. David Farrugia (Karta tal-Identita' Numru: 162789M) bhala mandatarju specjali ghan-nom u rapprezentanza ta' TSL**

**Vs**

**L-Avukat Dr. Anthony P. Farrugia Farrugia (Karta tal-Identita' Numru: 468259M) bhala mandatarju specjali ghan-nom u rapprezentanza ta' MSL**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' L-Avukat Dr. David Farrugia (Karta tal-Identita' Numru: 162789M) bhala mandatarju specjali ghan-nom u rapprezentanza ta' TSL, datat 29 ta' Jannar 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi hija zzewget lil MSL detentur tal-licenzja tas-Sewqan A Numru X fit-tletin (30) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) f'N il-G, kif jidher mill-att taz-zwieg G numru E, hawn anness u mmarkat bhala DOK A.*

*Illi minn dan iz-zwieg ma twildux tfal.*

*Illi minhabba ragunijiet serji u ammissibbli mill-ligi, ir-relazzjoni bejn l-imsemmija konjugi ntemmet, u l-partijiet ilhom de facto separati minn Dicembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) hekk kif inhu dokumentat fl-affidavit tal-esponenti hawn anness u mmarkat Dok B.*

*Illi ftit wara iz-zwieg, u cioe' f'Dicembru tas-sena elfejn u tlettax (2013), MSL mar jghix fl-A fejn atwalment ghadu jirrisjedi u jservi mal-Armata A.*

*Illi huwa qieghed f'relazzjoni ma' persuna ohra li minnha ghandu tifel. Filwaqt li l-esponenti marret tghix u ghadha tirrisjedi Malta u dan minn Dicembru tas-sena elfejn u tlettax (2013), fejn kienet bdiet l-istudji taghha fl-Universita' ta' Malta.*

*Illi l-partijiet m'ghandhom l-eba propjeta' in kommun.*

*Illi ma fadal ebda pendenzi ohra bejn il-partijiet u l-anqas ma jezistu kwistjonijiet bejniethom.*

*Illi ma hemm ebda provvediment jew pretenzjoni ghall-manteniment bejn il-partijiet.*

*Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejn il-mizzewgin.*

*Illi ghalhekk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, huma sodisfatti, kif johrog car mill-anness Dok B, u fic-cirkostanzi ghalhekk minkejja li mhux mehtiega medjazzjoni, fil-fatt saret medjazzjoni u din l-Onorabbli Qorti awtorizzat din il-procedura, hekk kif jirrizulta mill-anness digriet immarkat bhala DOK C.*

*Illi skont l-Artikolu 66N(1)(b) ta' Kaptiolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, l-esponenti ilha tghix Malta b'mod permanenti minn Dicembru tal-elfejn u tlettax (2013) sad-data tal-lum u b'hekk tissodisfa r-rekwizit li ilha mill-inqas residenti ordinarjament f'Malta.*

*Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett illi a tenur tad-dispozizzjonijiet tal-artikolu 66B, tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, li dina l-Onorabbli QOrti joghgobha, prevja s-smigh tal-partijiet kif mahsub fl-Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, ukoll sabiex jigi stabbilit illi jezistu dawk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Ligijiet ta' Malta:*

*Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-imsemmi Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Tordna lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Civili sabiex f'terminu ffissat minn din l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-Divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Bl-ispejjes kontra l-intimat li jibqa' ingunt ghas-subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat in-nota tal-intimat, datata 11 ta' Marzu 2019, a fol 16, li taqra hekk:

*Li biha jammetti t-talbiet tar-rikorenti kif dedotti fir-rikors guramentat.*

Rat id-digriet taghha tal-24 ta' Gunju 2019;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**TSL** xehdet permezz t'affidavit a fol 8 illi l-partijiet iccelebraw iz-zwieg taghhom fil-G fit-30 ta' Lulju 2013. Spjegat illi dak iz-zmien ir-ragel taghha, li huwa suldat mal-armata tal-A, kien stazzjonat il-G u li dak iz-zmien hija kienet diga residenti Malta. Kompliet illi ftit wara z-zwieg taghhom, r-ragel taghha mar lura l-A filwaqt illi hija regghet giet lura Malta f'Dicembru 2013

sabiex tkompli l-istudji taghha. Qalet illi l-partijiet ilhom ghalhekk isseparati de facto sa minn Dicembru 2013 u minn dak iz-zmien ghexu hajja separata peress illi t-tnejn jghixu f'pajjizi differenti, u li m'hemm l-ebda tama li jirrikonciljaw.

Xehdet ukoll a fol 40 *et seqq* illi hija damet toqghod f'Malta mill-2012 sa Dicembru 2018 meta kellha titlaq mill-pajjiz il-ghaliex l-kumpanija fejn kienet tahdem ghalqet u spiccat minghajr impjieg. Ikkonfermat li hija kienet toqghod ma' MB sa Dicembru 2018 u li r-*residence card* Maltija taghha ghadha valida sall-llum.

**MB** xehed permezz t'affidavit a fol 37 illi huwa ilu jaf lill-attrici ghal dawn l-ahhar sentejn u nofs, wara li kien iltaqa' maghha fl-ahhar tal-2016 meta hija kienet ghix Malta u tahdem fl-istess bini fejn kien jahdem. Zied li dak iz-zmien l-attrici kienet bdiet tahdem ma' Quasar Limited. Xehed illi l-attrici kienet tghix fl-istess appartament mieghu fl-indirizz Y mill-5 t'April 2018 sa' Dicembru 2018.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

*(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]*

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti tibda billi tirrileva illi ghalkemm proceduri ta' divorzju bejn partijiet illi jkunu ghadhom m'humiex legalment isseparati ghandhom jigu inizjati permezz ta' rikors li bih ir-rikorrent jitlob awtorizzazjoni sabiex jintavola proceduri ta' divorzju, l-attrici intavolat ittra ta' medjazzjoni u mhux rikors. Illi pero, peress illi jirrizulta illi f'din l-ittra hija talbet awtorizazzjoni sabiex tipprocedi b'kawza ghal divorzju, u l-awtorizazzjoni effettivament inghatat minn din il-Qorti diversament presjeduta, il-Qorti tqis illi n-nuqqas ta' aderenza tal-attrici mad-dettami tal-ligi hija ormai sorvolata.

Il-Qorti rat illi mill-provi jirrizulta u mhux kontestat illi l-attrici kienet ordinarjament residenti Malta sa Dicembru 2018[1], filwaqt illi dawn il-proceduri gew inizjati f'Jannar tal-2019 u ghaldaqstant il-Qorti tqis illi ghandha gurisdizzjoni sabiex tiddetermina din il-kawza ai termini tal-Artikolu 66N (1) (b) tal-Kodici Civili.

Jirrizulta illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-30 ta' Lulju 2013, f'N il-G (vide certifikat taz-zwieg Dok A, fol 76 u li minn dan iz-zwieg l-partijiet ma kellhom ebda wild.

Mix-xhieda mhux kontestata tal-attrici jirrizulta illi l-konvivenza ta' bejn il-partijiet damet mhux aktar minn hames xhur, u li l-partijiet ilhom jghixu hajja separata f'pajjizi differenti sa minn Dicembru tal-2013.

Rat illi d-dikjarazzjoni tal-attrici illi l-partijiet m'ghandhomx proprjeta in komuni giet ammessa mill-konvenut u illi lanqas ma giet ikkontestata l-asserzjoni tal-attrici illi bejn il-partijiet qatt

[1] Vide Employment History tal-attrici Dok TSL2 a fol 34 u kopja tal-Identity Card TSL5 a fol 38.

m'ezistiet Komunjoni tal-Akkwisti peress illi huma qatt ma stabbilew ruhhom hawn Malta flimkien.

Il-Qorti rat ukoll illi hadd mill-partijiet m'ghandu pretensjoni ghall-hlas ta' manteniment minghand il-parti l-ohra.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet irnexxilhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**